# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-4 ta' Ottubru 2007

## dwar miżuri ta' emerġenza li japplikaw għal prodotti tas-sajd importati mill-Albanija u li huma intenzjonati għall-konsum mill-bniedem

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 4482)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/642/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistipula l-prinċipji u l-ħtiġijiet ġenerali tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel u li jistipula proċeduri fi kwistjonijiet tas-sikurezza ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 178/2002, fejn huwa evidenti li ikel importat minn pajjiż terz x'aktarx huwa ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa ta' l-annimali jew għall-ambjent hemm bżonn li jittieħdu l-miżuri neċessarji, u dan ir-riskju ma jistax jitrażżan b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istat Membru/Stati Membri kkonċernat/i.

(2) Skond ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004, li jistipula regoli speċifiċi ta' iġjene dwar ikel li joriġina mill-annimali [2], operaturi kummerċjali ta' l-ikel iridu jiżguraw li ma jinqabżux il-limiti ta' l-istamina fil-prodotti tas-sajd. Dawn il-limiti, flimkien ma' metodi ta' teħid ta' kampjuni u metodi analitiċi, ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti ta' l-ikel [3].

(3) Spezzjoni reċenti mill-Komunità fl-Albanija żvelat li l-awtoritajiet Albaniżi għandhom kapaċità limitata biex iwettqu l-kontrolli neċessarji, b'mod partikolari biex jindunaw bil-preżenza ta' l-istamina fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd.

(4) Livelli eċċessivi ta' l-istamina fi prodotti tas-sajd jistgħu jkunu ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem.

(5) Huwa xieraq li jiġu adottati f'livell Komunitarju miżuri applikabbli għall-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd li jistgħu jkunu kontaminati biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva u uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti tas-sajd li ġejjin minn speċi ta' ħut li huma assoċjati ma' ammont għoli ta' istamina, għandhom jiġu awtorizzati biss jekk jista' jiġi ppruvat li dawn kienu soġġetti għal kontroll sistematiku fil-pajjiż minn fejn oriġinaw biex b'hekk jiġi vverifikat li l-livelli tagħhom ta' istamina ma jaqbżux il-livelli stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 2073/2005.

(7) Madankollu, huwa xieraq li tiġi awtorizzata temporanjament l-importazzjoni ta' konsenji li ma jkollhomx ir-riżultat tal-kontrolli magħmula fil-pajjiż ta' oriġini, dejjem jekk l-Istati Membri jiżguraw li jsiru l-kontrolli meħtieġa fuq dawn il-konsenji hekk kif jaslu fuq il-fruntiera tal-Komunità biex b'hekk jiġi vverifikat li l-livelli tagħhom ta' istamina ma jaqbżux il-livelli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005. Din l-awtorizzazzjoni temporanja għandha tiġi limitata saż-żmien li fih l-awtoritajiet Albaniżi jkunu jistgħu jibnu l-kapaċità ta' kontroll tagħhom.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxi s-sistema ta' twissija rapida għall-ikel u l-għalf li għandha tintuża biex jiġi implimentat r-rekwiżit meħtieġ ta' tagħrif reċiproku previst fl-Artikolu 22(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE [4]. B'żieda ma' dan l-Istati Membri għandhom iżommu lill-Kummissjoni infurmata permezz ta' rapporti perjodiċi dwar ir-riżultati analitiċi kollha tal-kontrolli uffiċjali li jkunu saru fuq konsenji ta' prodotti tas-sajd mill-Albanija.

(9) Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta fid-dawl tal-garanziji offruti mill-Albanija u abbażi tar-riżultati tat-testijiet imwettqa mill-Istati Membri.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

(1) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).
(2) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; verżjoni korretta bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) 1791/2006 tal-Kunsill (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
(3) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1.
(4) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva (KE) Nru 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Ambitu**

Din id-Deċiżjoni tapplika għal prodotti tas-sajd ta' ħut li ġej mill-familji *Scombridae, Clupeidae, Engraulidae, Coryphenidae, Pomatomidae* u *Scombresosidae* li huma importati mill-Albanija u li huma intenzjonati għall-konsum mill-bniedem.

*Artikolu 2*

**Testijiet analitiċi għall-istamina**

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 biss jekk dawn ikollhom magħhom ir-riżultati ta' testijiet analitiċi għall-istamina li jkunu saru fil-Albanija jew f'laboratorju barrani akkreditat qabel il-konsenja u li juru li l-livelli ta' istamina huma taħt il-limiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005. Dawn it-testijiet għandhom isiru wara li jkun sar it-teħid tal-kampjuni u wara l-metodu analitiku msemmi fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 li ma jkollhomx ir-riżultat tat-testijiet analitiċi msemmija fil-paragrafu 1, dejjem jekk l-Istat Membru importatur jiżgura li kull konsenja ta' dawn il-prodotti jsirulha testijiet biex jiġi vverifikat li l-livelli ta' istamina preżenti huma inqas mil-livelli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005. Dawn it-testijiet għandhom isiru wara li jkun sar it-teħid tal-kampjuni u wara l-metodu analitiku msemmi fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005. L-awtorità kompetenti għandha tpoġġi l-konsenja kkonċernata taħt detenzjoni uffiċjali sakemm takkwista riżultat favorevoli.

*Artikolu 3*

**Rapporti**

L-Istati Membri għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni f'każ li t-testijiet li jsiru skond l-Artikolu 2(2) juru li l-livelli ta' istamina huma ogħla mil-livelli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 għall-prodotti tas-sajd.

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar it-testijiet kollha mwettqa skond l-Artikolu 2(2).

L-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema rapida ta' twissija għall-ikel u l-għalf stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 għas-sottomissjoni ta' dan it-tagħrif u ta' dawn ir-rapporti.

*Artikolu 4*

**Ħlas tan-nefqa**

In-nefqa kollha li tkun saret biex tiġi applikata din id-Deċiżjoni għandha tiġi mħallsa mill-kunsinnatur, mid-destinatarju jew mill-aġent ta' wieħed minnhom.

*Artikolu 5*

**Konformità**

L-Istati Membri għandhom minnufih igħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri li jieħdu biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 6*

**Perjodu ta' l-applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta abbażi ta' l-informazzjoni u l-garanziji pprovduti mill-awtorità Albaniża u, jekk meħtieġ, ir-riżultati ta' spezzjoni fil-post bi żjara ta' esperti Komunitarji.

*Artikolu 7*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*